MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Numru 466/2002

Il-Pulizija
(Spettur David Saliba)

vs

Manwel Bartolo
Renald Abela

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 386481M u 67782M rispettivament, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar xhur, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, Kap 9:

Akkuzati t-tnejn li huma talli fit-18 ta' April, 2002 f'Manoel Island ghall-habta tad-9:00 p.m. bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b'atti esterni u li taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi kkommettew serq ta' diversi flixken tal-inbid li l-valur taghhom jeccedi l-valur ta' Lm100 izda anqas minn Lm1000 u dan ghad-dannu ta' Paul Agius Cutajar u/jew terzi persuni, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun kkwalifikat bil-mezz, valur, persuna u hin.

Lil Manwel Bartolo wahdu akkuzat talli fis-17 ta' April, 2002 f'lukanda f'San Gorg limiti ta' San Giljan matul il-gurnata approprija ruhu, billi dawwar b'profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li sar uzu minnha specifikat u cioè' erba' kegs tal-birra li l-valur taghhom jeccedi l-valur ta' Lm100.

Lil Renald Abela wahdu talli f'Bay Street, San Giljan fid-9 ta' April, 2002 ghal habta tat-8:00 a.m. u fil-granet ta' qabel ikkommetta serq ta' diversi kegs tal-birra li jiswew aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 minn hanut 'Fluid Bar' ghad-dannu ta' Raymond Camilleri liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-akkuza li tinvolvi z-zewg imputati flimkien titratta l-attentat ta' serq kwalifikat bil-mezz, valur, persuna u hin; l-akkuza ta' misappropriazzjoni hi diretta kontra l-ko-imputat Manwel Bartolo wahdu; waqt li fil-konfront tal-imputat l-iehor wahdu hi dedotta akkuza ta' serq differenti minn dik li tinvolvi z-zewg imputati flimkien.

Intant, l-allegat attentat ta’ serq li taghha huma akkuzati z-zewg imputati flimkien hi dik li jinghad li twettqet fit-18 ta’ April 2002. Jinghad ukoll illi l-proceduri bdew minn rapport lill-Pulizija minn Paul Agius Cutajar gestur tas-socjeta’ Marsovin tal-malizen ta’ xorb u inbid f’Manoel Island. Dan xehed fl-udjenza tas-6 ta’ Mejju 2005 fejn stqarr li hu flimkien ma impjegat iehor fil-gurnata riferenti l-attentat ghamel ghassa fl-istabbiliment billi kien irrizultalu li kienu qeghdin jigu nieqsa kaxxex tal-inbid u proprju fil-gurnata de quo nstabu xi kaxxex mohbija wara pjanci fil-bitha. Zied jghid ix-xhud li kienu circa t-tmienja ta’ fil-ghaxija li osservaw iz-zewg imputati, li kienu hemmhekk f’dan iz-zmien ghadhom fl-impjieg mas-socjeta’ Marsovin, telghin fuq il-bejt u x’hin konfrontati dwar x’kienu qeghdin jaghmlu hemmhekk, huma qabdu u telqu. Stqarr ukoll illi l-kaxxex inbid mohbija kien ta’ tmintax-il kaxxa b’valur ta’ Lm26 kull kaxxa. Ix-xhud hu korroborat fic-cirkostanzi materjali minn siehbu Carmel Agius li x-xhieda tieghu hi riportata a folio 69.

Issa, fil-fehma tal-Qorti, hemm bizzejjed provi, anke jekk cirkostanzjali, li jimplikaw lill-imputati f’dan l-attentat ta’ serq li hu sorrett bl-att preparatorju konsistenti fl-ispustar u habi tal-inbid.

Mill-bqija taqbel mad-difiza li fil-konfront tal-akkuzi l-ohra l-provi huma tali li ma jwaslux biex tinstab reita’ fl-imputati.

Tiddeciedi ghalhekk li ma ssibx htija fl-imputati jew minn minnhom fuq it-tieni u t-tielet akkuza. Tiddikjarahom hatja tal-ewwel akkuza. Rat l-Artikolu 41, 261(b)(c)(d)(f), 263(a), 267, 268(a), 269, 278(2)(3), 279(a), 280(2), tikkundannahom kull wiehed minnhom sena prigunerija li izda qeghdha tissospendi ghal sena mill-lum sakemm ma jikkommettux reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabbilitajiet taghhom ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------